# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

JIRBAH IL-MALTI
GHAX IS-SEWWA MIEGHU

**It-Tielet Sena** **Diċembru 1933** **No. 34**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**DIĊEMBRU 1933] IT-TIELET SENA [Nru 34**

## L-ANTOLOĠIJA TAGĦNA

Fil-għadd 23 ta' dan il-qari ħabbarna li sa noħorġu Antoloġija Maltija. Għaddew għaxar xhur, u l-ħbieb tal-Malti għandhom il-jedd kollu jistaqsuna: Meta sa toħroġ din l-Antoloġija li ilna nistennewha daqskemm ilna naħteġuha?

Nistqarru s-sewwa li x-xogħol żammna aktar milli ħsibna. Biex tfittex, issib, taqra u tifli kull ma nkiteb bil-Malti, u tagħżel dak li hu tajjeb, u tqabbel u tqassam kollox biex tati mera tal-letteratura maltija kollha kemm hi, mindu twieldet sal-lum, trid wisq aktar minn ftit xhur. Fit-tiftix tagħna ltqajna ma kittieba ta' proża u ta' poeżija li l-lum ħadd jew ftit jafu bihom, sibna kitba mitlufa jew minsija, li tagħmel ġieħ lil kull letteratura, u b'hekk għamilna l-qalb li nibqgħu nfittxu aktar fil-moħbiet ta' kotba qodma.

S'issa għandna ħafna bċejjeċ magħżulin u miktubin mill-ġdid. Iżda ħafna oħra għad baqa x'naqraw u x'nagħżlu. Biżżejjed ingħidu li f'din il-ġabra ta' kitba maltija sa jidhru xi ħamsin kittieb jew aktar, li għâxu minn mitejn sena 'l hawn.

Xogħol ta' żmien u ta' sabar; u xogħol li miegħu rridu nlaħħqu x-xogħol tal-iskola. Għalhekk mexjin xi ftit bil-môd, imma għadna mexjin, ma wqafniex, ma qtajna qalbna mill-ebda tfixkil. Izda biex inħaffu l-mixi tagħna nitolbu l-qarrejja u l-ħbieb tagħna li jatuna daqqa ta' id billi jgħarrfuna b'kotba u kittieba qodma jew minsija, jew jiktbu u jibagħtulna bċejjeċ magħżulin minn kotba li bit-taħbit issibhom.

# LIL MUSA

(SUNETT)

*Moħtar lill-poeti*
*żgħażagħ maltin.*

Issa ma nitnikketx, jekk fuq xofftejja
ma nħossx iżjed in-nifs tal-bewsa tiegħek,
ja Musa ħelwa: nżilt biż-żejjed ħdejja,
u bosta jien ġarrabt kif igħannaq driegħek:

anqas nitnikket jekk minn ħbub għajnejja
jaħrab id-dawl ta' l-aħħar xemx u miegħek
iżjed ma niltaqax: hawn miet, f'idejja
min lil barrani kien jaħasra! jbiegħek: *

warajja tielgħa kotra qalbenija
ta' żgħażagħ ferreħin, u fit-triq tagħhom
ifuħ... ifuħ il-ward tal-poeżija:

u kelmthom, safja, dik li tahom Alla;
l-għanja, mirquma, dik li tnisslet magħhom;
fuq ħsiebhom, wiċċ is-sliem, tiddi qawsalla.

DUN KARM
f'għeluq it 62 sena ta' ħajtu.

17-10-33.

---

* *... hawn miet f'idejja/min lil barrani kien jaħasra! jbiegħek* l-awtur irid igħid għalih in-nifsu, illi għal bosta żmien il-poeżija li kienet f'qalbu kitibha f'ilsna barranin u qatt ma kien ħaseb illi jfissirha bil-lsien malti, biex tibqa bħala wirt ta' ġensna.
(Nota tad-D.)

# L-EQDEM ĠABRA TA' LIĠIJIET

*Lil sħabi, studenti tal-Liġi*

Il-liġijiet huma l-qofol ta' kull pajjiż. Huma jżommu l-poplu marbut flimkien u jmexxuh fi triq waħda, fit-triq tal-ġid, tal-qawwa, tal-kobor. Neħħi l-liġijiet jew għammar poplu b'liġijiet ħżiena, u l-pajjiż isir bħal dar mibnija b'ħaġar bla tajn, bħal bniedem marid bil-mard irqiq li jifnih sal-mewt. Għalhekk is-slaten, li riedu l-ġid u l-kobor ta' arthom, l-ewwel ma ħasbu fil-liġijiet. Daħħlu liġijiet ġodda, neħħew oħrajn li ma baqgħux jiswew, biddlu oħrajn biex iqabbluhom mat-tibdil taż-żmenijiet, u ġabru f'ġabra waħda l-liġijiet kollha li fuqhom għandha timxi l-ħajja tal-pajjiż. Hekk għamel is-sultan Ġustinjan li bil-għajnuna ta' ħafna għorrief ġabar fis-sena 527 il-liġijiet kollha tas-saltna ta' Ruma f'ġabra li għadha tissemma b'ismu *Codice di Giustiniano.* Hekk għamel ukoll Federik, sultan ta' Sqallija fis-sena 1231, li kien jaħkem ukoll fuq Malta; hekk għamlu l-Gran Mastri Manoel fis-sena 1723 u De Rohan fis-sena 1784.

Jekk induru dawra mal-istorja tad-dinja, niltaqgħu kullimkien u fiż-żmenijiet kollha ma slaten li għamlu ġid lil pajjiżhom b'liġijiet tajbin. Iżda fosthom kollha rrid insemmi wieħed biss, l-eqdem wieħed li ismu jibqa' jissemma sal-aħħar żmenijiet. Ħammurabi kien sultan ta' Babel madwar elfejn sena qabel Kristu. Dak iż-żmien is-saltna ta' Babel kienet maqsuma u taħt il-ħakma tas-slaten ta' Għelam. Bil-ħila tiegħu Ħammurabi qanqal minn fuqu l-madmad ta' Għelam u għaqqad flimkien saltna waħda, is-saltna ta' Babel, ħielsa minn kull ħakma barranija. Biex aktar isaħħaħ l-għaqda tas-saltna tiegħu Ħammurabi ħaseb malajr għal-liġijiet; biddel x'uħud minnhom u żied oħrajn u ġabarhom kollha f'ġabra li l-għorrief semmewha *Codice* ta' Ħammurabi. Minqux fuq ħaġra sewda għolja 7 piedi u nofs, sabuh il-Franċiżi huma u jħaffru fil-belt ta' Susa, ftit il-fuq mill-golf tal-Persja bejn Diċembru 1901 u Jannar 1902. Illum qiegħed Pariġi fil-mużew ta' Louvre (tinqara Luvr).

Din il-ġabra ta' liġijiet turina f'mera kemm kien il-quddiem il-poplu ta' Babel f'dawk iż-żmenijiet il-qodma, meta l-ġnus kbar tal-lum kien għadhom anqas biss ma twieldu. Għalkemm huma liġijiet magħmulin għal-poplu li jemmen bl-allat u li kellu drawwiet li ma jaqblux mad-drawwiet tagħna madankollu x'uħud minnhom ma jagħmlux għajb lill-għerf ta' żmienna, juru ħila, dehen u għaqal fit-tmexxija ta' dak il-ġens kbir u qawwi. Insemmi hawn xi ftit minnhom li jistgħu jitqabblu u jixxiebhu mal-liġijiet tagħna.

Il-familja kienet minn dejjem magħrufa bħala sies ta' kull nazzjon, u għalhekk il-liġijiet ta' kull pajjiż ħarsu dejjem lejn il-familja u ħasbu fiha fuq kull ħaġa oħra. Fil-liġi ta' Hammurabi r-raġel huwa ras id-dar. Iż-żwieġ isir bil-miktub inkella ma jgħoddx. L-għarus iħallas lil missier l-għarusa, jew jixtri l-għarusa minn għand missierha, u lill-għarusa jiktbilha xi ħaġa mill-ġid li jkollu, li tibqa' għaliha wara mewt ir-raġel. Pieni ħorox kellhom il-miżżewġin u l-għarajjes li jonqsu lil xulxin u jatu wiċċ lil ħaddieħor. Iż-żwieġ huwa sal-mewt; iżda jekk il-mara hi mtajjra, ma taħsibx fid-dar, iġġib il-ġlied, żewġha jista' jħarrikha u jinfired minnha; u jekk ir-raġel hu mtajjar, ma jaħsebx fid-dar u anqas f'martu, l-mara tista' tħarrku, taqbad ħwejjiġha u tmur għand missierha. Jekk mara ma jkollhiex ulied, żewġha jista' jiżżewweġ waħda oħra. Jekk raġel jinfired minn martu, għax ma għandhiex ulied, iroddilha l-għież u dak li jkun kitbilha, u jekk ma jkun kitbilha xejn, jatiha flus. Iżda jekk il-mara jkollha ħtija ma tieħu l-ebda ħabba minn għand żewġha.

Skond il-ligi tagħna wkoll (*Ara Ordinanza No.* 1 *del* 1873 Tit: I, Cap. III.) il-miżżewġin jistgħu jinfirdu minnħabba xi ħtijiet kbar ta' wieħed minnhom, u jekk il-ħtija tkun tal-mara titlef dak li jkun kitbilha żewġha fil-kitba taż-żwieġ. Iżda l-liġi tagħna tifred il-miżżewġin bla ma tħoll ir-rabta tagħhom, għalhekk ħadd minnhom ma jista' jerġa' jiżżewweġ.

Il-wirt fil-liġi ta' Hammurabi hu mqassam hekk: Il-għież tal-omm jirtuh uliedha; jekk ma għandiex ulied jaqa' fuq missierha; dan imbagħad ikollu jrodd lil ħatnu l-ħlas li bih żewwiġlu l-bintu.

Jekk raġel jikteb lil martu dar jew għalqa, għandha tħalliha wara mewtha lil wieħed minn uliedha, imma ma tistax tħalliha lil ħutha. Jekk raġel jiżżewweġ darbtejn u jkollu t-tfal miż-żewġ nisa, t-tfal jaqsmu l-għież kull wieħed t'ommu inbagħad jaqsmu l-bqija bejniethom daqsinsew.

Jekk missier irid joħroġ mill-wirt l-wieħed minn uliedu, jħarrku u jekk il-Qorti jsib li t-tifel hu tassew ħati, l-ewwel darba jaħfirhielu, it-tieni darba jħassru mill-wirt ta' missieru.

Armla li għandha t-tfal żgħar ma tistax terġa' tiżżewweġ bla ma jindaħal l-imħallef. Dan jikteb kull ma jinsab fid-dar, jati l-ktiba f'idejn it-tieni raġel, biex jieħu ħsieb id-dar hu u martu, u ma jistgħu jbigħu xejn milli hemm fid-dar. U min jixtri xi ħaġa li hi ta' wlied l-armla jitlef flusu u dik il-ħaġa taqa' fuq sidha.

Jekk il-miżżewġin ikollhom xi djun qabel ma żżewġu, kullħadd jagħmel tajjeb għad-dejn tiegħu biss; iżda jekk id-dejn sar wara ż-żwieġ, jagħmlu tajjeb għall-xulxin.

Fil-liġi tal-knisja l-qassis ma jistax ibigħ il-benefizzju jew patrimonju u anqas jissellef fuqu. Liġi bħal din kien għamel Ħammurabi għal xi kbarat ta' madwaru li, biex jistgħu jżommu ruħhom tajjeb, kien jatihom xi djar jew raba' bla ma kienu jistgħu jbigħuh u anqas jissellfu fuqu u anqas iħalluh lil nieshom.

Fil-liġi tagħna hemm kuntratt li jgħidulu *anticresi*, li bih wieħed li jkollu xi dejn, iwelli raba' jew bini f'idejn min silfu biex bil-qbiela u l-kera li jdaħħal inaqqas id-dejn u l-imgħax. Dal-kuntratt insibuh ukoll fil-liġi ta' Ħammurabi : Jekk wieħed ikun issellef xi flus minn għand neguzjant u jatih il-ġnien tiegħu u jgħidlu : Ħu l-frott tal-ġnien tiegħi flok il-flus, jekk in-neguzjant ma jridx, il-frott jibqa' ta' sid il-ġnien, u n-neguzjant jieħu flusu u l-imgħax.

Xiri u bejgħ. Jekk wieħed jitlef xi ħaġa u mbagħad isibha għand ħaddieħor u dan igħidlu : Xtrajtha minn għand il-flien u quddiem ix-xhud; jew inkella s-sid igħid: Inġib ix-xhud li dak huwa tiegħi ; l-wieħed u l-ieħor iġibu x-xhud tagħhom, l-imħallef jiżen u jgħarbel ix-xhieda ; il-bejjiegħ ikun qisu ħalliel, ix-xerrej jieħu flusu l-ura, u s-sid jieħu ħwejjġu . Jekk ix-xerrej ma jġibx xhud, ikun hu bħala ħalliel; u jekk is-sid ma jġibx xhud il-ħtija taqa' fuqu.

Jekk wieħed f'xi kawża jhedded ix-xhud jeħel il-piena li ħaqqu l-ħati. U jekk tkun kawża ta' mewt, jeħel hu wkoll il-piena tal-mewt.

Dawn huma biss xi ftit mill-liġijiet ta' Ħammurabi, iżda huma biż-żejjed biex jatuna ħjiel tajjeb kif kienet imrawma s-saltna tiegħu, dik is-saltna kbira u qawwija li damet għal żmien twil tiddi u tifrex fil-bogħod id-dija tagħha bil-għerf, bis-snajja, bil-kitba u bil-għaqal tal-ħakma tagħha.

Ninu Mamo

# IL-PALMA W IL-FAWWARA

Rajtek ja palma mferrxa
Tħaxwex u tiddi taħt ix-xemx qawwija;
W ix-xniexel ta' bla għadd, w il-frieghi jiżfnu
Fil-fewġa dawwalija

Ħsibthom ilsna leqqiena
T'ilma li jraxxax qawwi minn fawwara;
Fawwara ġġelben taħt ix-xemx u tisqi
Is-siġar ta' ġox-xagħra.

L-għasafar ta' madwarek
Ħsibthom sa jtaffu l-għatx minn dik id-dija;
U tfajla b'qolla b'dik il-ħlewwa t'ilma
Deherli sa timlieha.

*
* *

Rajtek fawwara mferrxa
Traxxax u tilma taħt ix-xemx ta' Mejju;
W il-ħjut bla għadd u l-ilsna leqqenija
Ġo dak il-għana ħlejju.

Ħsibthom fergħat tal-fidda
Herġin minn palma taħt ix-xemx fl-għaxija;
Palma tixxengel, tħaxwex ġewwa l fewġa
U tagħmel l-art dellija.

L-għasafar ta' madwarek
Ħsibthom sa jbejtu fik u jibdew l-għana;
U tfajla deherli fergħa ħadranija
Sa taqta' wisq ferħana.

*
* *

Fawwara w palma jitbiddlu
Fil-ġmiel u l-benna taħt ix-xemx qawwija:
It-tnejn xbihat ħelwin tal-Mulej Alla,
Ix-Xemx minn tas Sbuħija!

22-X-33 B.

[*Din ħadet it-tielet premju*]

# ĠLIEDA F'RAĦAL

Jotu ! Jotu !... U kullħadd telaq jiġri biex jara min qed jiġġieled. Imma x'tara tara, f'radda ta' salib l-imkien intela bin-nies u ma kontx tara ħlief lil min jittaffa jew tisma' min iżellaq xi waħda. Imbagħad bdew il-mistoqsijiet w il-kommenti.

—Dok m'hux Ġumu tan-Newba ?

—X'Ġumu hu, ta' qattusek ! Jekk tura sewwa, wieħed Mikiel ta' Ħabba u l-ieħor Wistin ta' Nuzzi.

—Isme', ngħiduhe kif inhi, Mikiel m'għodux bħol qebel. Minn mindu gie mill-Amerki, li kien għalih jitla' fuq ros kullħedd.

—Iżżomm ma ħedd ; għid li Wistin jitħaddet kif jifhem hu bess, u jekk ikillu jiksrek quddiem musraħ nies, bħol kieku qiegħed juxrob tezz'ilme.

—Naqtgħewha fil-qasir, it-tnejn ma fihomx x'togħżel.

Sa dan il-waqt liż-żewġ ġellieda ferquhom u firduhom. Lil wieħed ġibduh l-hawn, u lil ieħor ħaduh l-hinn. Sabiex kull wieħed minnhom jagħmilha daqsxejn tar-raġel aktar, beda jgħaqqad il-ponn, iferfer dirgħajh il-fuq, jgħażżaż snienu u jaqleb għajnejh, fil-waqt li jrid imur għall-ieħor. Jaħasra. ma jindunax li sar l-isbaħ għors għal dawk ta' ma' dwaru, Dawn issa jibdew irewħu minn taħt, u kliemhom iżjed isaħħnuh.

Jiena redt inkun, ħolli nurejh kif kent neqlagħlu għajnejh minn wiċċu x'ħejn kien jerfa' jdejh fuqi.

—Jiena wkell inboti b'tal-ħmor ; arewni kemm jien twajjob, iżda meta nora lil min ma jridx josma' b'raġuni, emmnuni niżbel u nsir xjofek.

—Mela bħoli. Sawwatni u noqgħod ħiemed deqs boqqa, iżda tlissenx iż-żejjed għax ma nufx x'nagħmel.

—Ma' dun killu, lilek sieb, għax jof li int doqsxejn ġwejjed. Ma siebx lili, ma siebx lili.

Dan il-kliem, m'għandniex xi ngħidu, għamilhom xjaten liġ-ġellieda. Wieħed, tnejn, tlieta... jiżolqu minn ġo l-folla u jerġgħu jitqabdu. Kullħadd jersaq l-ura ħalli jagħmlilhom il-wisa', u kullħadd idur magħhom. Min jitla' fuq truf riġ-

lejh biex jarahom aħjar, min itawwal rasu minn bejn il-vojt tan-nies, min jitla' fuq għatba, u l-klieb igħajtu bla heda, donnhom jafu li qiegħda ssir xi ħaġa kontra n-natura talbniedem.

M'hemmx għajb akbar, issa, għal dak li jċiedi l-ewwel Għalhekk jekk wieħed ma jiflaħx jati bil-ponn, jibda jxarrab bis-sieq u bir-ras, kif ġie-ġie, u fejn ġie-ġie; fejn jista', jigdem ukoll. Iġibulek ħniena tarahom! Wiċċhom sar kollu dmija u minn ħniekhom ħiereġ id-demm. Sew il-wieħed kemm l-ieħor għamlu ħwejjiġhom trietaq; il-berritta taretilhom, xagħarhom tqanfed, għajnejhom tbegħrnu, ma tagħrafhomx iżjed. L-egħejja sa fl-aħħar tagħmel bihom; jaqgħu fl-art; kieku jridu jibqgħu jiġġieldu, iżda bil-kemm fadlilhom ħila jtawwlu dirgħajhom Jindunaw b'dan in-nies u jerġgħu jferrquhom. Dan żgur. W issa ma fihomx x'tara aktar. Kullħadd jarġa jsir ħabib! hom, u kullħadd għal taparsi jixtieq li ma ħadux dik il-kedda-

—"Għax ma kienx hemm għalfejn" jaqbeż wieħed. "Żewġ. irgiel bħulkom stojtu ftehemtu bejnietkem bil-kwiet.

—U ngħejd, li nufkom ħbieb ħobż u sikkine minn mita tallajt is-snien.

—Sewwa qigħed igħejdilkem. Terġe ħedd minkem m'hu tal-ġlied.

—Fuq killex, għod tistgħu ssiru qruba. Diġè ħarġuha li Kurmnu tiegħek irid jitgħarras lil Anni ta' Mikiel. Jikbru ftit ieħor u intom issiru ħtiena.

—Hekk hu, hekk hu. Immurru nieħdu qatra. Sieħlu inti stess, Wistin, lil Mikiel biex jiġi jixrob magħna. Ura issa ġej it-tifel tiegħek ukell. Ma ġora xejn; immurru nuxurbu kullħadd u killex jintesa.

—Min jitlaq minn hawn, min idabbar rasu minn hemm, u f'kemm ili ngħid, kollox jarġa jiġi għal li kien. Biss ilboloħ jibqgħu jixorbu fil-ħanut, għax, bħal-li-kieku, billi jbillu griżmejhom, sejrin ipattu għan-nuqqas ta' għaqalhom.

Żagħżugħ Malti,
ANT. FARRUGIA.

# MEWT

*Lil V. Randon*

Kull meta fik naħseb
Inħoss biża' kbir
Għax naf illi jiena
Tiegħek huwa rsir;

'Ma dlonk jien nifłakar
Fi ħsieb wisq sabiħ;
Li ġejt int maħluqa
Biex tati l-mistrieħ.

X'ikun kieku ġismi
La jmut, la jintemm,
'Ma jibqa fin-niket
Imgħargħar fil-hemm?

Sa kemm ma kontx nagħraf
Il-ġmiel tal-ħolqien,
Kollox kien sbejjaħ
U jien qatt ħosbien.

'Ma kif moħħi nfetaħ
U xtaqt illi nifraħ
Bil-ġmiel tan-Natura,
Dlonk kollox sar ikraħ.

L-Imħabba fis tbiddlet
Fil-għejra, fil-ġlied;
Is-sabar jonqosni
Il-biki jiżdied.

U *dik* li f'żgħoriti
Tant biża' rajt fiha
Min jaf kemm xtaqt issa
Li tiġi għalija.

U magħha teħodni
Fejn għelt ma nismax,
Fir-raqda ta' dejjem
Fejn dmugħ ma narax.

Nixtieq biss inħalli
Warajja tifkira,
Tifkira sabiħa
Ta' ħajja qasira.

Fin-niket, fid-dwejjaq
Bla sabar mgħoddija
Miktuba bil-Malti
U 'l-kliem poeżija.

KARM. DE BONO

# KLIEM IMXERRED

*Jorbot man-Numru 28*

*Tinsibek* : tagħmel xagħrek.
Rajt 'l oħtok tinsibek quddiem il-mera.

*Bir-ruppât* : bis-saħħa ż-żejjed.
Il-wied nieżel fuq l-għelieqi bir-ruppat u kisser kollox.

*Rimja* : xejra jew ġibda għal xi ħaġa.
Salvu sar qassis, minn dejjem dik kienet ir-rimja tiegħu.

*Iżżafżaf* : il-ħoss li jagħmel il-meraq f'xi ħaġa meta tagħfasha
Iżżafżaf bittieħa mgħattna, ġerħa bil-materja jew il-ħama tal-bir.

*Tħammel :* taħrab mbeżżagħ.
Trid tara 'l ħuk iħammel xħin lemaħ lil missierek.

*Radam* : kotra kbira jew xaba ta' xi ħaġa.
Is-suq rajt radam ta' tadam—Daħal bajd bir-radam.

*Faħal* : waħda mit-taqsimiet ta' għalqa magħmulin biex wieħed jista' jsaqqiha biċċa biċċa bla tbatija.

*Gelgul :* il-gangara. *Titgelgel*: dil-kelma jgħiduha għan-ngħaġ jew għal-mogħoż meta jimirdu b'nefħa taħt lħithom. Ngħidu mela *nagħġa mgelgla.*

*Għakka :* mara jew raġel xjuħ għakka.

*Iżżembel* : dil-kelma jgħiduha għat-taqlib tal-ajru.
Is-sajf spiċċa, dalwaqt jibda jżembel.

*Żota :* Dil-kelma smajtha f'għidut bħal dan:
Qgħadt ruħ *żota* (waħdi għal kollox) bla ma nista ngħid kelma lil ħadd.

*Tiżżiżża :* tiddandan tħobb tilbes sabieħ.

*Rokob* : Razez dil-kelma smajtha f'għidut bħal dan.
Ġurament falz jidħol f'seba' rokob.

*Tingħat :* tiekol li tixba.
Ma ntix ser tingħat għax ma kiltx biż-żejjed.

*Trampi* : mġieba jew għamil ta' wieħed m'hux f'sessih. Imġieba mhix flokha.

Meta jkollok in-nies id-dar it-tfal aktar jagħmlu trampi mis-soltu.

*Il-kisba* : bhejjem imrobbija għad-dar u m'hux għal-laħam.

*Tingħamar bik in-nifsek* : tintila bik in-nifsek.

*Frajħa* : daqq ta' qniepen fil-mewt tat-trabi.

Daqqet frajħa; għandu jkun mietet xi tarbija.

*Maksar* ; ġebla fil-kanal tas-saqi biex tista tikser l-ilma fejn trid.

*L-għatja :* il-kartun tal-għonnella

*Rsuli* : risposti niggieża. Lil wieħed li jħobb iwassal x'qal xi ħadd kontra l-ieħor igħidulu li jħobb iwassal li rsuli

*Tfertel :* tati b'idejk l-hawn u l-hinn kif jagħmel xi ħadd meta jitħaddet imsaħħan.

*Taħtuħ* : battal.

Kilt xi ħaġa għax kelli l-istonku taħtuħ.

Din il-lewża taħtuħa.

*Msir* : sabb, dissenterija.

*Tajtan* : *toqgħod tajtan ta' xi ħadd:* tittiekel għal xi ħadd. Ħija joqgħod tajtan tiegħi u ma jagħmel qatt xejn : ma jagħmel xejn għax jaħseb li għandi nagħmel kollox jien.

*Garru, wa* : b'widnejh żgħar. Mogħża garruwa b'widnejha żgħar.

*(Jissokta)* ĠUŻÈ AQUILINA

# TAGħRIF

## LAQGħAT

Nhar it-Tlieta, 21 ta' Novembru, saret laqgħa fl-Università b'għadd kbir ta' msieħbin. Inqraw dawn il-bċejjeċ:

Is-Sur Ġużè Pace qara poeżija *Il-palma w il-fawwara* ta' B.

Is-Sur Ġużè Cauchi qara proża *Xeni minn ta' Għawdex.*

Is-Sur Wiġ Portelli qara proża *Wegħda miksura.*

Is-Sinjorina O. Tayar qrat proża *L-istedin tas-Sinjura Betta.*

Is-Sur V.M. Pellegrini qara proża *L-ewwel Kruċjata.*

Is-Sur Nin Mamo qara proża *L-eqdem ġabra ta' liġijiet.*

Mons. Prof. Dun Karm Psaila qara Sunett *Lill-Musa,* u biċċa minn poeżija twila għadha mhix mitmuma: *Kif ngħaddi ż-żmien S. Pawl il-Baħar.*

Billi kien sar il-ħin, ħallejna għal laqgħa oħra xi poeżijiet u proża ta' I.A. u ta' Karm Debono.

Il-poeżija *Lil Ommi* li bagħtilna l-ħabib tal-Għaqda W. Gouder għoġbitna, imma ma kellniex żmien naqrawha.

Ħafna qegħdin jitolbulna xi numri warranin ta' Leħen il-Malti, jew in-numri kollha minn 1 sa 33. Minn numru 1 ma baqa' l-ebda wieħed: minn 2 sa 33 baqa' ftit ġemgħat sħaħ. Min jixtieq jikseb il-ġemgħa sħiħa, ma jitlefx żmien.

Nitolbu lil dawk li fakkarniehom fil-ħlas biex ma jġiegħluniex infakkruhom darb'oħra.

*NATU L-MILIED IT-TAJJEB*
*LIL KULĦADD*

**ABBONAMENT**

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena**
**Kopja wahda sold**
**Ghal barra minn Malta id-doppju.**